MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 06 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 05 ta' Mejju 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, fil-5.30 pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Gudja | Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |

| | |
|---|---|
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 06.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

06.1.1 Il-President informa li rċieva ittri ta' apoloġija mis-Sindki ta' Santa Venera u taż-Żejtun fejn taw ir-raġuni għaliex ma setgħux jattendu.

06.1.2 Il-Membri preżenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġija b'mod unanimu.

## 06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

06.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tal-ħames (05) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

06.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Scott Camilleri u ssekondata mis-Sur Josef Masini Vento, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 06.3 Komunikazzjoni mill-President;

**-Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13)**

06.3.1 Il-President informa li l-uffiċjal eżekuttiv issa bdiet taħdem mal-Kunsill Reġjonali u integrat sew mat-tim amministrattiv. Fost ir-responsabbilitajiet li ngħatat se jkun hemm dawk li tassisti lill-uffiċjali maniġerjali fil-ħidma tagħhom u fil-koordinazzjoni tas-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku.

**- Trasferiment tal-bini amministrattiv b'mod temporanju**

06.3.2 Il-President qal li issa l-operat kollu tal-Kunsill Reġjonali u tat-Tribunal Lokali mexa għall-indirizz il-ġdid b'mod temporanju. Dan il-pass ittieħed sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess u jkun jista' jsir ix-xogħol preliminarju tal-proġett propost fil-bini amministrattiv.

**- Proġett tal-Bini Amministrattiv**

06.3.3 Il-President irrefera għall-proġett tal-bini amministrattiv u qal li fil-jiem li ġejjin se jkunu qed isiru testijiet li se jiddeterminaw jekk l-istruttura tal-bini amministrattiv hix fi stat sigur qabel jiġu ppjanati x-xogħlijiet meħtieġa u jitfassal id-dokument tas-sejħa pubblika. Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mal-perit u inġiniera kompetenti dwar kundizzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi li se jkunu inklużi fis-sejħa pubblika.

## 06.4 Skeda ta' Pagamenti;

06.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 05/22A-1 u 05/22B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

06.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Steven Grech u ssekondata mis-Sur Josef Azzopardi, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 06.5 Proposta għal Proġett dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart;

06.5.1 Il-President irrefera għall-proposta fuq il-proġett għall-Immaniġġjar tal-iskart fil-lokalitajiet tar-reġjun li ġiet diskussa u approvata fil-laqgħa preċedenti. Hu qal li l-uffiċjali maniġerjali tar-reġjun inkarigati minn dan il-proġett għamlu aktar riċerka dwar soluzzjonijiet ta' dan it-tip u kellhom anke laqgħat ma' fornituri u kuntratturi li jispeċjalizzaw f'dan il-qasam. Qed isiru laqgħat oħra mal-ERA, mal-Wasteserv u mas-SEM biex tingħata assistenza u gwida fit-tfassil tad-dokumentazzjoni, benefikar minn fondi u l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. Il-President qal li ħames Kunsilli Lokali fir-reġjun urew interess li jissieħbu f'dan il-proġett u dawn huma l-Kunsilli Lokali ta' Ħal Qormi, Birżebbuġa, Il-Ħamrun, Ħal Luqa u Santa Luċija.

## 06.6 Rapport tal-Evalwazzjoni ta' Impatti Soċjali;

06.6.1 Il-President semma' li fil-jiem li ġejjin se jkunu qed isiru laqgħat mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u s-sitt Kunsilli Reġjonali dwar it-tfassil tad-dokument għas-sejħa pubblika tar-rapport tal-evalwazzjoni ta' impatti soċjali fir-reġjun. Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali pprovdiet gwida ta' ħdax-il tip ta' impatti soċjali, li jinkludu:

1. Impjiegi u swieq tax-xogħol
2. L-istandards u d-drittijiet relatati mal-kwalità tal-impjiegi
3. L-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni ta' gruppi partikolari
4. Ugwaljanza bejn is-sessi, ugwaljanza fit-trattament u opportunitajiet, u nondiskriminazzjoni
5. Id-data personali tal-individwu, il-ħajja familjari u l-ħajja privata
6. Governanza, parteċipazzjoni, amministrazzjoni tajba, aċċess għall-ġustizzja, il-mezzi tax-xandir u l-etika
7. Saħħa u sigurtà pubblika
8. Il-kriminalità, it-terroriżmu u s-sigurtà
9. Aċċess għall-protezzjoni soċjali, is-saħħa u s-sistemi edukattivi
10. Kultura
11. Impatti soċjali f'pajjiżi terzi

06.6.2 Il-Membri qablu li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jimxi mal-linji gwida provduti mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

## 06.7 Tender Dwar il-Ġbir tal-Iskart;

06.7.1 Il-President qal li l-Kunsill Reġjonali ġie infurmat mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, kif ukoll mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li s-sejħa għall-ġbir tal-iskart domestiku fuq bażi reġjonali se tiġi ppubblikata fi ftit tal-jiem oħra. Għaldaqstant, hemm bżonn li jkun hemm koordinazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u l-Kunsill Reġjonali sabiex jiġi ffaċilitat dan il-proċess u jkun żgurat li dan is-servizz jiġi mogħti fuq livell professjonali. Fil-jiem li ġejjin se tkun qed tintalab informazzjoni dwar is-servizz eżistenti mill-uffiċjal maniġerjali biex din tiġi kkunsidrata fil-kundizzjonijiet li se jiġu mitluba. Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed isejjaħ laqgħa informattiva għas-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġi spjegat kif se tkun qed taħdem is-sistema fuq bażi reġjonali.

## 06.8 Qualification Allowance lill-Uffiċjali Maniġerjali;

06.8.1 Il-President semma' kif il-Kunsill Reġjonali rċieva direzzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex tingħata qualification allowance lill-uffiċjali maniġerjali ngaġġati mal-Kunsilli Reġjonali li jikkwalifikaw għaliha skont kif speċifikat fil-Kodiċi dwar l-Immaniġġjar tas-Servizz Pubbliku. Hu spjega li s-sejħa għal dawn l-uffiċjali maniġerjali nħarġet b'rekwiżiti ta' kwalifiki f'MQF level 6 jew kwalifiki f'MQF level 5 b' ħames snin esperjenza. Il-President ippreżenta talba għal qualification allowance minn ħames uffiċjali maniġerjali flimkien ma' kopja taċ-ċertifikati akkademiċi tagħhom li juru li dawn huma kwalifikati f'livell ta' Masters li hu MQF level 7. Għaldaqstant, il-Kunsill Reġjonali hu obbligat li jħallas il-qualification allowance dovuta lil dawn l-uffiċjali għax il-kwalifiki tagħhom jaqbżu dak li kien rekwiżit fis-sejħa. Hu talab l-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

06.8.2 Il-Membri preżenti approvaw -għoti tal-qualification allowance lill-uffiċjali maniġerjali li huma kwalifikati f'livell ta' Masters.

## 06.9 Affarijiet Oħra;

**- Applikazzjoni għall-iskema tal-Community Inclusive Employment**

06.9.1 Il-President ħabbar li l-Kunsill Reġjonali ġie infurmat mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa sabiex tiġi ngaġġata persuna bħala messaġġier/driver/attendant permezz tal-iskema tal-Community Inclusive Employment ma ġietx aċċettata għax it-tali skema kienet miftuħa biss għall-Kunsilli Lokali. Hu wera d-diżapprovazzjoni tiegħu għar-raġuni li l-Kunsilli Reġjonali għadhom mhumiex qed jingħataw l-importanza u r-riżorsi li jixirqilhom.

**- Għajnuna lill-uffiċjal għall-ħarsien tal-annimali u l-cat feeders tar-reġjun**

06.9.2 Il-President fakkar li fil-laqgħa preċedenti l-Membri approvaw it-talba sabiex il-Kunsill Reġjonali jixtri numru ta' cat recovery cages u traps li ikunu jistgħu jintużaw mill-uffiċjal għall-ħarsien tal-annimali tar-reġjun u jissellfu mill-cat feeders. Hu ħabbar li dawn issa nxtraw u diġà bdew jintużaw mill-uffiċjal għall-ħarsien tal-annimali u minn numru ta' cat feeders biex jiġu neutered jew ikkurati l-qtates stray fit-toroq.

## 06.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

06.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.55 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 02 ta' Ġunju 2022 fil-5.30 pm.

Konfermati llum _____________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |